DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

## AVVIŻ

**Id-Data:** 19 ta' Mejju 2014 **Ref:** DCM 8/2014

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Il-lista approvata ta' kotba ta' qari supplimentari tal-Malti (stejjer u poeżiji) għall-Iskejjel tal-Primarja tal-Istat (2014)

---

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu qed jehmeż il-lista ta' kotba ta' qari supplimentari tal-Malti (stejjer u poeżiji) għall-Iskejjel tal-Primarja tal-Istat għall-2014. Din il-lista għandha tkun ta' għajnuna għall-iskejjel biex ikompli jissaħħaħ il-litteriżmu fit-tfal tal-Primarja, u biex, bis-saħħa tagħha, ikunu jistgħu jingħażlu kotba supplimentari, jew għall-klassijiet jew għal-libreriji tagħhom, jew għal qari ieħor waqt il-lezzjonijiet tal-Malti.

L-għażla tal-kotba saret wara li saret sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Frar 2013, paġna 826, biex dawk kollha interessati jibagħtu l-kotba tagħhom ħalli jkunu evalwati minn bord ta' edukaturi. Fil-bord kien hemm rappreżentanti mill-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, mid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u għalliema.

Dan il-bord mexa fuq il-kriterji mniżżlin fiċ-ċekkjatura ppubblikata fis-sit uffiċjali tal-Malti malti.skola.edu.mt/primarja.

Id-Dipartiment tal-Malti jgħarraf li s-sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern hija miftuħa u kull min jixtieq jissottometti l-kotba tiegħu għall-evalwazzjoni huwa mitlub jagħmel dan skont ir-referenza tal-Gazzetta tal-Gvern msemmija hawn fuq.

Min għandu xi diffikultà jista' jikkuntattja lill-Uffiċjali Edukattivi tad-Dipartiment tal-Malti skont il-kulleġġi tagħhom.

- David Agius-Muscat: 25982927, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt
- George Mifsud: 25982905, george.mifsud@ilearn.edu.mt
- David Muscat: 25982907, david.muscat.4@ilearn.edu.mt